MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 750/2005

**Paul Cardona**

**vs**

**Jean Pierre Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 t'April, 2005 fejn intqal:**
**Illi fit-12 ta' Gunju, 2000 ghal habta tal-10.05 ta' filghaxija sehh incident stradali fi triq il-Ferrovija l-Qadima, B'Kara bejn il-bicikletti misjuqa mill-attur u Simon Caruana u l-vettura proprjeta` ta' Cristino Azzopardi bin-numru tar-registrazzjoni CAF-552 li dak il-hin kienet misjuqa minn ibnu Jean Pierre Azzopardi, il-konvenut.**
**Illi l-konvenut kien qed isuq tali vettura b'mod negligenti, perikoluz u b'nuqqas ta' harsien tar-**

**regolamenti tat-traffiku, tant illi huwa injora totalment is-sinjali tat-traffiku biex jieqaf, baqa' hiereg fuq in-naha 'l hazina tat-triq, kif ukoll kompla jsuq fuq in-naha 'l hazina tat-triq ghal fuq l-attur u l-imsemmi Simon Caruana. Il-konvenut instab hati ta' dan f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**
**Illi l-attur sofra danni htija tal-konvenut, u qed jintalab li dawn jigu likwidati mit-Tribunal, izda ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li t-talba attrici ma teccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500).**
**Qed jintalbu wkoll l-ispejjez, l-imghaxijiet u li l-konvenut ikun ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 t'April, 2005 fejn intqal :**
**Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal mhux kompetenti illi jisma' u jiggudika l-proceduri odjerni, u dan stante illi l-kwistjoni tittratta incident awtomobolistiku fejn l-ammont pretiz in linea ta' danni jeccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), u ghalhekk dawn il-proceduri kellhom jigu ntavolati fic-Centru Malti ghall-Arbitragg.**
**Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mertu ta' dina l-kawza diga' qieghed jigi trattat fi proceduri quddiem dana t-Tribunal diversament presedut mill-Onor Dottor Philip Manduca, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited et vs Paul Cardona et (Avviz Nru. 193/2005), differit ghat-23 ta' Mejju, 2005, u ghalhekk u unikament jekk l-ewwel eccezzjoni sollevata tigi michuda, ikun hemm lok illi dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment.**
**Illi fil-mertu, u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq premess, it-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ikkunsidra :**
**1. It-Tribunal qed jillimita din id-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.**

**2. Il-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-Arbitragg fir-raba' skeda, artikolu 1.2 jipprovdi fost ohrajn illi :**
**« Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur**
**Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li t'origina minn :**
**(a) kollizzjoni bejn vetturi, jew**
**(b) hsara nvolontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi, jew**
**(c) talba bhal dik kontra assikuratur awtorizzat, kumpanija assigurattrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' terzi persuni (Kap.104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u**
**(d) li l-valur taghha ma jkunx inqas minn hames mitt lira u ma jeccedix il-hamest elef lira. »**
**3. Dawn huma l-parametri li timponi l-Ligi dwar l-Arbitragg Mandatarju. Ma hemmx dubju li jekk hemm danni personali, dan it-Tribunal huwa kompetenti sakemm id-danni reklamati ma jeccedux l-elf u hames mitt lira.**
**4. Inoltre jekk wiehed jara kif inhi miktuba il-Ligi, wiehed jinnota li r-referenza hija principalment ghal tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur, li ghalhekk tinkludi dawk l-istanzi imsemmija fl-imsemmi artikolu.**
**5. Fil-kaz in ezami kien hemm kollizzjoni bejn vettura bil-mutur u bicikletta. Jekk wiehed qed jinvestiga biss l-hsara fil-bicikletta tali tinkwadra ruhha taht is-subinciz (b) tal-imsemmi artikolu 1.2. fuq citat.**
**6. Pero` mit-trattazzjoni orali jidher li t-talba tirrigwarda danni rizultanti mill-hsara fil-persuna. Ghalhekk dan it-Tribunal fic-cirkostanzi huwa kompetenti sa biex jisma il-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata. Peress illi hemm kawza ohra pendenti fuq l-istess mertu quddiem it-Tribunal kif diversament presedut, liema kawza iggib n-numru**

**193/2005PM, ikun opportun li dan il-kaz jinstemgha flimkien mal-kawza l-ohra, u ghalhekk it-Tribunal jordna li l-atti ta’ dan il-kaz jintbaghtu mir-registratur ghal quddiem it-Tribunal kif diversament presedut.**

**L-ispejjez ta’ dina d-decizjoni preliminari huma riservati ghal gudizzju finali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------